



Dokument ta' sessjoni

B8-0142/2017

8.2.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

Konklużjoni tas-CETA UE-Kanada
(2017/2525(RSP))

Yannick Jadot, Ska Keller, Heidi Hautala, Bart Staes, Igor Soltes, Martin Häusling, Josep-Maria Terricabras, Claude Turmes
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjoni tas-CETA UE-Kanada 2017/2525(RSP)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni imressqa mill-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada fuq naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (C8-0438/2016)
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-proċedura ta' ratifika fil-Parlament Ewropew għandha tkun sospiża sakemm jiġu ċċarati kwistjonijiet ġuridiċi u istituzzjonali importanti dwar is-CETA,
- B. billi għadha tippersisti l-inċertezza dwar il-kompatibilità tas-CETA mat-Trattati Ewropej, speċjalment minħabba l-inklużjoni ta' Sistema ta' Qorti tal-Investment; billi din l-inċertezza mhux se tkun solvuta sakemm tinħareġ l-opinjoni pendenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawża 02/15 dwar kwistjonijiet ta' kompetenza fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-UE ma' Singapore,
- C. billi għad hemm inċertezza wkoll fir-rigward tal-valur ġuridiku ta' għadd ta' dikjarazzjonijiet annessi addizzjonali tal-Ftehim CETA li ġew ippreżentati bħala Dikjarazzjoni Konġunta mill-Gvern tal-Kanada u l-Kummissjoni Ewropea, jew bħala Dikjarazzjoni tal-Kunsill, jew bħala Dikjarazzjonijiet ta' Stati Membri singoli tal-UE, li wħud minnhom jikkontradixxu lil xulxin,
- D. billi l-Gvern Belġjan ħabbar talba lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-kompatibilità tas-CETA mat-Trattati Ewropej fid-dawl tal-opinjoni 02/15 ta' dan tal-aħħar, mistennija li tinħareġ f'April jew f'Mejju 2017,
- E. billi l-ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ta' April 2016 għad irid jiġi operazzjonalizzat għall-Punt 40 tiegħu dwar ftehimiet internazzjonali, li nuqqas tiegħu jirriżulta f'inċertezza dwar is-superviżjoni tal-Parlament Ewropew b'rabta ma' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt tas-CETA li għandu diskrezzjoni wiesgħa li jibdel annessi importanti tal-Ftehim CETA,
- F. Billi l-Kumitati AFCO, FEMM u ECON kienu ddeċiedew li jagħtu opinjoni lill-Kumitat ewlieni INTA iżda ma ngħatawx id-dritt li jagħmlu dan mill-President tal-Parlament, minħabba l-iskadenza restrittiva ħafna tad-dossier,
- G. billi, lil hinn mill-ħin żbaljat tal-proċedura ta' ratifika dovut għall-kwistjonijiet mhux solvuti ta' hawn fuq, għadd dejjem ikbar ta' ċittadini Ewropej jitolbu tibdil profond fil-politika Ewropea tal-kummerċ u jirrifjutaw ftehimiet ta' kummerċ antiki bħas-CETA, billi jqisuhom inkapaċi li joħolqu effetti ta' ġid sostenibbli għall-persuni u l-ambjent,

1) Jiċħad il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim CETA għar-raġunijiet li ġejjin:

Is-CETA jista' jdghajjef id-demokrazija Ewropea

- a) Is-CETA jinkludi verżjoni riformata tal-proċedura ta' Soluzzjoni għat-Tilwim bejn l-Investitur (Sistema ta' Qorti tal-Investment - ICS) li għadha mhijiex biżżejjed sabiex jiġu mħarsa l-prinċipji bażiċi tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Din tippermetti li t-talbiet jiġu magħmula biss minn investituri barranin, hija bbażata fuq drittijiet estremament wiesgħa tal-investitur barrani, u tabroga l-prinċipju bażiku tad-dritt internazzjonali tal-eżawriment minn qabel tar-rimedji legali domestiċi. Il-partit tal-ħodor huwa kontra tali sistema parallela ta' ġustizzja mhux meħtieġa, li tagħti prijorità lill-investment barrani privat fuq l-interess pubbliku domestiku;
- b) Is-CETA jinkludi kapitolu għall-Kooperazzjoni Regolatorja li taħtu jaqa' qasam illimitat ta' leġislazzjoni primarja u sekondarja eżistenti u futura għall-eliminazzjoni ta' "ostakli bla bżonn għall-kummerċ u l-investment". Is-subordinazzjoni ta' leġislazzjoni taħt l-ewwel test ta' neċessità ekonomika tista' tirriżulta fi spinta lejn id-deregolamentazzjoni jew tnaqqis tal-istandards. Il-partit tal-ħodor huwa kontra viżjoni ta' leġislazzjoni demokratika bħala merament fattur ta' spiża ekonomika f'pajjiż terz partikolari;
- c) Il-kombinazzjoni fis-CETA ta' rekwiżiti ta' kooperazzjoni regolatorja u ta' theddid legali kostanti għar-regolaturi permezz tas-Sistema ta' Qorti tal-Investment (ICS) x'aktarx tiffaċilita intrappolament tal-istandards attwali filwaqt li tikkawża effett ikrah fuq kwalunkwe inizjattiva leġislattiva futura li tiffavorixxi politiki ta' redistribuzzjoni b'appoġġ għall-assistenza pubblika jew l-ambjent. Il-partit tal-ħodor jaħseb li huwa assolutament kruċjali li jinżammu u jitwessgħu l-ispazji demokratiċi kollha fl-Ewropa għal passi leġislattivi qawwijin bl-għan li jikkumbattu l-bidla fil-klima, id-dizlokazzjoni soċjali li qed tiżdied, l-ispekulazzjoni mingħajr ix-xkiel mill-investituri, u d-dgħajfien tal-benessri pubbliku, minflok ma jillimitaw tali inizjattivi billi jiffirmaw trattat internazzjonali legalment vinkolanti li għandu sehem dirett f'dawn il-kwistjonijiet kollha;

Is-CETA jista' jdgħajjef standards ambjentali Ewropej u tranżizzjoni tal-enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent

- d) Il-Kanada għandha rekord twil li tiegħu azzjoni legali kontra l-liġijiet ambjentali tal-UE u tal-Istati Membri fid-WTO, u li toponi fundamentalment r-REACH kif ukoll il-leġislazzjoni dwar il-pestiċidi tal-UE. CETA bl-objettiv ewlieni li jneħħi l-ostakoli għall-kummerċ żgur li se jaggrava s-sitwazzjoni, irrISPettivament minn kwalunkwe dikjarazzjoni b'rabta mad-dritt għar-regolamentazzjoni. Dan huwa aggravat aktar minħabba l-għoti tad-drittijiet lill-investituri biex iħarrku l-istati, filwaqt li l-impenji dwar l-istandards ambjentali għadhom mhumiex infurzabbli. F'tali kuntest, huwa estremament inkwetanti li s-CETA ma jirriflettix il-Prinċipju ta' Prekawzjoni. Minflok, is-CETA jikkundizzjona l-prekawzjoni b'referenza għall-ftehimiet internazzjonali li ma jinkludux dan il-prinċipju, pereżempju l-Codex Alimentarius. Il-partit tal-ħodor huwa kontra kwalunkwe ftehim internazzjonali li jipperikola rISPett sħiħ tal-Prinċipju ta' Prekawzjoni kif minqux fit-Trattati tal-UE;
- e) Is-CETA jinkludi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bl-għan li jirrevedi u jarmonizza r-

regoli tal-GMOs b' mod li jnaqqas l-istandards attwali tal-UE, l-applikazzjoni tagħhom u l-iżvilupp futur tagħhom. L-għan espliċitu huwa li “jippromwovi proċessi ta’ approvazzjoni effikaċi bbażati fuq ix-xjenza għal prodotti bijoteknoloġiċi”, formulazzjoni li b’ mod dirett tisfida d-definizzjoni bbażata fuq ir-riskju tal-Prinċipju ta’ Prekawzjoni. Il-partit tal-ħodor huwa kontra kwalunkwe ftehim internazzjonali li jista’ jiftaħ il-bieb għall-GMOs;

- f) Il-Kanada tilqa’ fiha aktar minn nofs il-kumpaniji tal-estrazzjoni dinjija u ssegwi politika attiva ta’ esportazzjoni tal-karburanti li ġejjin minn ramel bituminuż li jniġġes ħafna. Il-gvern Kanadiż uża b’ suċċess in-negozjati tas-CETA biex idgħajjed il-miri ambizzjużi tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kwalità tal-Fjuwil (FQD) għall-2011 sabiex tiġi permessa l-importazzjoni ta’ fjuwils minn ramel bituminuż Kanadiż. F’ tali kuntest, huwa estremament inkwetanti li l-impenji tas-CETA dwar standards ambjentali jibqgħu mhux infurzabbli. Il-partit tal-ħodor huwa kontra kwalunkwe ftehim jew leġislazzjoni li jintrappolaw lill-UE fit-tkomplija ta’ provvista ta’ enerġija fossili u jipperikolaw l-għanjiet klimatiċi tal-UE;

Is-CETA jista’ jimmina standards tal-benessri pubbliku Ewropej

- g) Is-CETA jinkludi l-liberalizzazzjoni tas-servizzi b’ mod awtomatiku (Lista Negattiva ta’ impenji għal-liberalizzazzjoni tas-servizzi) mingħajr biżżejjed eċċezzjonijiet għas-servizzi pubbliċi. Id-Dikjarazzjoni Konġunta addizzjonali tal-UE u l-Kanada tenfasizza d-dritt tal-partijiet li jiddefinixxu s-servizzi pubbliċi u l-mod kif dawn huma pprovduti u rregolati, inkluża l-komunalizzazzjoni mill-ġdid tagħhom. Madankollu, l-eċċezzjoni ma tinkludix il-possibilità ta’ diskriminazzjoni ta’ fornituri ta’ servizzi diġà stabbiliti fil-qasam tas-servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali, u l-possibilità ta’ lmenti tal-investitur. Il-partit tal-ħodor huwa kontra approċċ ta’ Lista Negattiva bħala tali, peress li dan jillimita l-għażliet politiċi futuri f’ dan is-settur importanti u dinamiku ferm tal-attività ekonomika;
- h) L-approċċ ta’ Lista Negattiv fl-impenji dwar is-servizzi tas-CETA fih klawżola “stand still” u klawżola Ratchet, b’ tali mod li varjazzjonijiet politikament neċessarji fit-trattament nazzjonali ma jistgħux jaqgħu lura wara ċerta livell ta’ liberalizzazzjoni. Filwaqt li s-servizzi pubbliċi huma eżentati minn dawn il-klawżoli, jista’ jkun ukoll li servizzi li llum huma forniti kummerċjalment, bħall-enerġija, il-komunikazzjoni, l-assigurazzjonijiet, jew partijiet mis-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni, se jeħtieġu li jiġu furnuti bħala servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali fil-ġejjieni. Il-partit tal-ħodor jaħseb li l-għażliet politiċi kollha għall-adattament tas-soċjetajiet tagħna għal dak li qed isseħħ fl-ekonomija tas-servizzi jeħtieġ li jibqgħu miftuħin;

Is-CETA jista’ jimmina standards soċjali Ewropej

- i) Is-CETA huwa bbażat fuq valutazzjonijiet dwar l-impatt ekonomiku li ma jirnexxilhomx jipproġettaw b’ mod adegwat l-effetti fuq l-impjiegi peress, billi huma jqisu l-impjieg sħiħ u l-mobilità mingħajr limiti tal-forza tax-xogħol bħala varjabbli indipendenti fl-immudellar. Minkejja dan in-nuqqas, il-Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibilità tal-2011 turi effett ta’ ridistribuzzjoni favur is-sjieda tal-kapital, li eventwalment twassal għal żidiet fil-qgħad fit-tul. Peress li l-vantaġġi tal-kompetizzjoni huma meqjusa bħala l-aktar fattur importanti ta’ tkabbir, diżlokazzjoni soċjali ulterjuri u tifrix konkomitanti tad-differenzi tad-dħul bejn ħaddiema bla kwalifiki u ħaddiema tas-

sengħa, u b'hekk inugwaljanzi u tensjonijiet soċjali ikbar, huma mistennija. Il-partit tal-ħodor huwa favur politika Ewropea proattiva li tiddefinixxi ż-żoni ta' tkabbir sostenibbli, tiġġenera l-impjiegi u attivitajiet produttivi orjentati lejn il-futur, li mbagħad il-politika kummerċjali tal-UE. Mhux bil-kontra;

- j) Is-CETA jinkludi kapitolu speċjali dwar il-Kummerċ u x-Xogħol li, għalkemm milqugħ sew, mhuwiex biżżejjed biex iħares l-istandards soċjali Ewropej. Huwa jistipula li se “jirrispetta, jippromwovi u jirrealizza” l-erba' prinċipji fundamentali tad-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998, u li se “javvanza u jirrispetta” d-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-2008 dwar Aġenda dwar Xogħol Deċenti, li għandu jiġi kkunsidrat bħala taħt il-livell minimu ta' standards soċjali li għandu jkun fi ftehim kummerċjali bejn pajjiżi industrijali avvanzati. Bħala minimu, is-CETA għandu jirreferi għat-tmien standards tax-xogħol ewlenin tal-ILO li għandhom jiġu ratifikati, implimentati fid-dritt nazzjonali u applikati b'mod effettiv, u għat-tweqqif u l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar Xogħol Deċenti. Barra minn hekk, dan il-kapitolu mhuwiex infurzabbli skont il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim tas-CETA. Il-partit tal-ħodor jirrifjuta li jqis il-kapitolu dwar ix-xogħol tas-CETA bħala avvanz sinifikanti fil-protezzjoni ta' standards soċjali permezz ta' ftehim kummerċjali;

Is-CETA jista' jdgħajjef l-agrikoltura sostenibbli Ewropea

- k) Permezz tal-liberalizzazzjoni parzjali tat-tariffi, is-CETA jikkontribwixxi għall-intensifikazzjoni u l-produzzjoni żejda f'setturi agrikoli sensittivi bħalma huma ċ-ċanga, il-majjal u l-prodotti tal-ħalib. Dan se jkollu effetti negattivi għall-bdiewa fuq skala żgħira fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku u fuq il-prattiki agrikoli sostenibbli b'mod ġenerali. Il-partit tal-ħodor iwarrab l-ispinta lejn użu dejjem aktar estensiv ta' art agrikola li mhux meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà tal-ikel. Tali spinti jipperikolaw bilanċji ekoloġiċi delikati, billi jeżerċitaw pressjonijiet ulterjuri ta' prezzijiet kompetittivi fuq il-produtturi u jdgħajfu l-bażi ta' sistema agrikola multifunzjonali li taħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;
- l) Is-CETA ma fih ebda dispożizzjoni dwar il-benessri tal-annimali, ħlief għal sejħa għal “skambju ta' informazzjoni, ħila esperta u esperjenzi sabiex titmexxa ‘l quddiem il-kollaborazzjoni dwar il-benessri tal-annimali”. Billi l-kummerċ ta' prodotti tal-annimali mistenni li jiżdied permezz tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi, l-istandards dgħajfa tal-Kanada tal-benessri tal-annimali fl-ażjendi agrikoli ser jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv f'termini ta' prezzijiet għall-kumpaniji Kanadiżi. Dan se jagħmel pressjoni fuq iż-żamma relattivament oġġla, u għalhekk aktar għalja, tal-istandards fl-UE. Il-partit tal-ħodor huwa kontra ftehimiet kummerċjali li ma jirrikonoxxu l-annimali bħala esseri senzjenti u jevitaw b'mod effettiv l-aġar forum ta' krudeltà;

Is-CETA jista' jdgħajjef politika industrijali Ewropea li tħares ‘il quddiem

- m) Is-CETA fih dispożizzjonijiet li jipprojbixxu lill-partijiet milli jeħtieġu li l-investituri barranin u l-fornituri tas-servizzi jsibu sors lokali għal parti tal-input produttiv jew milli jeħtieġu li partijiet mill-produzzjoni jkunu mibjugħa lokalment. Din il-projbizzjoni testendi wkoll parzjalment għall-programmi ta' akkwist pubbliku mwettqa minn fornituri barranin, li jillimita bil-kbir il-lokalizzazzjoni ta' valur miżjud, l-akkumulazzjoni ta' netwerks transnazzjonali innovattivi u t-trasferiment tal-għarfien. Filwaqt li d-WTO jipprojbixxi wkoll rekwiżiti ta' kontenut lokali, din hija opportunità

mitlufa li ftehim kummerċjali bejn tnejn fost l-aktar ekonomiji avvanzati fid-dinja jtenni dawn il-projbizzjonijiet quddiem sfidi komuni għall-qalba lejn ekonomija ekoloġika u l-ħtieġa ta' avvanz tal-iskemi ta' produzzjoni innovattivi transnazzjonali. Il-partit tal-ħodor jappoġġa politika industrijali Ewropea li, permezz ta' investment fi strutturi pubbliċi, toħloq valur miżjud lokali u toħloq impjiegi sostenibbli li kapaċi jgħorru l-ispejjeż konnessi mal-bidla lejn ekonomija ekoloġika;

- n) Is-CETA ma fih ebda kapitolu b'miżuri speċifiċi li jappoġġaw lill-SMEs. Filwaqt li l-effetti pożittivi ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' konformità permezz ta' kooperazzjoni regolatorja fis-CETA huma iktar b'saħħithom għall-SMEs milli għal kumpaniji ikbar, dan l-effett huwa limitat minn numru żgħir ta' SMEs involuti fil-kummerċ internazzjonali. Ħafna aktar minn nofs il-valur tal-esportazzjonijiet huwa kkonċentrat f'idejn biss wieħed fil-mija tal-esportaturi, li huma kumpaniji kbar. Barra minn hekk, il-benessri iġġenerat mis-CETA fil-parti l-kbira mhux se jirriżulta miż-żieda fil-kummerċ, li tirrifletti opportunitajiet addizzjonali għal dawk li jidħlu ġodda fis-suq, iżda minn devjazzjoni tal-kummerċ permezz ta' żieda fil-kompetizzjoni. Bosta SMEs huma sottokuntratturi ta' kumpaniji kbar, u għalhekk issirilhom pressjoni kompetittiva aktar ħarxa. Huma se jkollhom bżonn ta' għajjnuna, li hija nieqsa fis-CETA. Il-partit tal-ħodor huwa kontra aktar ftehimiet kummerċjali li javvanzaw l-interessi ta' kumpaniji multinazzjonali kbar. Politika industrijali Ewropea li tħares 'il quddiem hija bbażata fuq networks innovattivi ħafna ta' produttori żgħar li jestendu għall-qasam transnazzjonali mhux biss għal swieq addizzjonali iżda primarjament għall-kisba tal-għarfien;
 - o) IS-CETA jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni Ewropea attwali fil-qasam tal-akkwisti permezz ta' trattat internazzjonali vinkolanti f'mument meta hija meħtieġa viżjoni orjentata lejn il-ġejjieni fil-qasam tal-investment pubbliku f'infrastruttura ekoloġika kbira. Viżjoni bħal din tkun tinvolvi reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist, li bħalissa hija bbażata fuq il-prinċipju ta' offerti internazzjonalment miftuħa b'mod awtomatiku. Il-bidla għal ekonomija ekoloġika hija essenzjali. Iżda se tkun espansiva. L-appoġġ pubbliku għal tali bidla se jeżisti biss jekk id-dħul addizzjonali meħtieġ jizjed permezz ta' dħul addizzjonali tanġibbli u sigurtà tal-impjieg li għandhom iseħħu lokalment. L-inklużjoni ta' kriterji ambjentali u soċjali fis-sejħiet għall-offerti, kif previst mid-Dikjarazzjoni Konġunta addizzjonali, u l-iffissar ta' limiti oġhla għal kompetizzjoni internazzjonali huma importanti, iżda mhux biżżejjed. Il-partit tal-ħodor huwa kontra l-inklużjoni ta' kapitoli dwar l-akkwist fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali;
- 2) Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni, u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.